16.11.2023 A9-0319/450

**Emenda 450**
**Delara Burkhardt**
f'isem il-Grupp S&D

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 6a*** |
| | ***Imballaġġ inert*** |
| | ***Sal-1 ta' Jannar 2029, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 58 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament meta jkun meħtieġ biex tindirizza kwalunkwe diffikultà li tinqala' fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari, għall-materjali tal-imballaġġ inerti li jiġu introdotti fis-suq fi kwantitajiet żgħar ħafna (jiġifieri madwar 0,1 % skont il-piż) fl-Unjoni.*** |
| | ***L-obbligi skont l-Artikolu 6 m'għandhomx japplikaw għal dan it-tip ta' imballaġġ sakemm jiġu adottati dawk l-atti delegati.*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

16.11.2023 A9-0319/451

**Emenda 451**
**Delara Burkhardt**
f'isem il-Grupp S&D

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 11a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11 a. Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport li jivvaluta l-possibbiltà li jiġu stabbiliti miri għall-użu ta' materja prima tal-plastik b'bażi bijoloġika.*** |
| | ***Meta jkun xieraq u abbażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva sabiex tistabbilixxi:*** |
| | ***(a) miri għall-użu ta' materja prima tal-plastik b'bażi bijoloġika fl-imballaġġ;*** |
| | ***(b) rekwiżiti ta' sostenibbiltà biex il-materja prima tal-plastik b'bażi bijoloġika ssir eliġibbli ħalli tikkontribwixxi għall-miri, filwaqt li jitqiesu l-kriterji sostenibbli eżistenti stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.*** |

Or. en

16.11.2023 A9-0319/452

**Emenda 452**
**Delara Burkhardt**
f'isem il-Grupp S&D

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6 a. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-operaturi ekonomiċi mill-obbligu skont il-paragrafi 3a(a), u l-paragrafu 3b(a) jekk ir-rata ta' riċiklaġġ kif irrapportata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 50(2), il-punt (c) tkun ogħla minn 85 % skont il-piż ta' tali materjal tal-imballaġġ introdott fis-suq ta' dak l-Istat Membru fis-snin kalendarji 2026 u 2027.*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità